MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 53/2009

Marlene Azzopardi fil-kwalita' tagħha
Ta' eredi ta' Annunziata Debrincat.

Vs

Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Marlene Azzopardi li permezz tiegħu wara illi ppremetta:

1. Illi Annunziata Debrincat mietet nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' april 2009;

2. Illi fl-att tat-twelid tagħha bin-numru progressiv mija u sebgħin (170) maħruġ fl-elf disa' mija u tnas (1912) hemm żball fl-ewwel kolonna bl-intestatura 'Isem u kunjom Missier it-tarbija', kif ukoll fis-sitt kolonna bl-intestatura 'Isem u kunjom il-missier jekk hux ħaj jew

mejjet' u dana peress illi l-kunjom ta' missier Annunziata, kif ukoll tan-nannu tagħha, Michaelangelo huwa "Debrincat" u mhux "Brincat";

3. Illi wkoll fl-att tal-mewt tal-istess Annunziata Debrincat li għandu n-numru progressiv mija u erbgħa u erbgħin (144) maħruġ fis-sena elfejn u disgħa (2009) hemm żball fl-ewwel kolonna bl-intestatura 'Isem u kunjom', kif ukoll hemm żball fis-seba' (7) kolonna bl-intestatura 'Isem u kunjom il-ġenituri – jekk ħajjin jew mejtin' u dana peress illi l-kunjom ta' Annunziata kif ukoll ta' missierha, Giuseppe u ta' ommha, Grazia huwa "Debrincat" u mhux "Brincat";

4. Illi l-attriċi trid li l-att tat-twelid ta' Annunziata Debrincat bin-numru 170/1912 u l-att tal-mewt tal-istess Annunziata Debrincat bin-numru 144/2009 jiġu kkorreġuti fis-sens hawn fuq imsemmi.

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid ta' Annunziata Debrincat bin-numru progressiv mija u sebgħin (170) maħruġ fl-elf disa' mija u tnax (1912) fis-sens li fl-ewwel kolonna bl-intestatura 'Isem u kunjom – Missier it-tarbija', kif ukoll fis-sitt kolonna bl-intestatura 'Isem u kunjom il-missier jekk hux ħaj jew mejjet' il-kunjom ta' missier Annunziata, kif ukoll il-kunjom tan-nannu tagħha, Michaelangelo jitħassar mill-kunjom "Brincat" u minflok jiġi sostitwit bil-kunjom "Debrincat",

2. Tordna wkoll il-korrezzjoni tal-att tal-mewt tal-istess Annunziata Debrincat li għandu n-numru progressiv mija u erbgħa u erbgħin (144) tas-sena elfejn u disgħa (2009) fis-sens li fl-ewwel kolonna bl-intestatura 'Isem u kunjom', kif ukoll fis-seba' kolonna bl-intestatura 'Isem u kunjom il-ġenituri – ħajjin jew mejtin' fis-sens li l-kunjom ta' Annunziata kif ukoll il-kunjom ta' missierha, Giuseppe u ta' ommha, Grazia jitniżżel li huwa "Debrincat" u mhux "Brincat",

3. Tordna lir-Reġistratur tar-Reġistru Pubbliku jagħti lill-attriċi kopja taċ-ċertifikat tat-twelid numru 170/1912 u tal-mewt 144/2009 kif korrett.

Bl-inġunzjoni tal-intimat nomine għas-subizzjoni illi għa;iha minn issa qed jiġi inġunt.

Rat id-dokumenti kollha annessi mar-rikors ġuramentat, u ċioe'
Dokument A, att tal-mewt ta' Annunziata Debrincat,
Dokument B, att tat-twelid ta' Annunziata Debrincat, u
Dokument C, Att tat-twelid ta' Giuseppe Debrincat.

Rat ukoll ir-risposta ġuramentata tal-konvenut direttur tar-reġistru Pubbliku illi permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. Illi l-esponenti ma joġġezzjonax illi jsiru l-korrezzjonijiet rikjesti u dan peress illi miċ-ċertifikat tat-twelid numru mitejn u tnejn u sebgħin tas-sena elf tmien mija u tmienja u tmenin, ċertifikat ta' Giuseppe, missier Annunziata Debrincat jirriżulta illi effettivament dan kien kunjomu Debrincat u mhux Brincat,

2. Għaldaqsant, huwa evidenti illi anki t-tifla tiegħu Annunziata suppost iġġib il-kunjom Debrincat u mhux Brincat.

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Il-Qorti, wara li eżaminat id-dokumenti esebiti, u peress jidhrilha illi t-talbiet kif magħmula huma ġustifikati, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talbiet, u,

1. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid ta' Annunziata Debrincat bin-numru progressiv mija u sebgħin (170) maħruġ fl-elf disa' mija u tnax (1912) fis-sens li fl-ewwel kolonna bl-intestatura 'Isem u kunjom – Missier it-tarbija', kif ukoll fis-sitt kolonna bl-intestatura 'Isem u kunjom il-missier jekk hux ħaj jew mejjet' il-kunjom ta' missier Annunziata, kif ukoll il-kunjom tan-nannu

tagħha, Michaelangelo jitħassar mill-kunjom “Brincat” u minflok jiġi sostitwit bil-kunjom “Debrincat”,

2. Tordna wkoll il-korrezzjoni tal-att tal-mewt tal-istess Annunziata Debrincat li għandu n-numru progressiv mija u erbgħa u erbgħin (144) tas-sena elfejn u disgħa (2009) fis-sens li fl-ewwel kolonna bl-intestatura ‘Isem u kunjom’, kif ukoll fis-seba’ kolonna bl-intestatura ‘Isem u kunjom il-ġenituri – ħajjin jew mejtin’ fis-sens li l-kunjom ta’ Annunziata kif ukoll il-kunjom ta’ missierha, Giuseppe u ta’ ommha, Grazia jitniżżel li huwa “Debrincat” u mhux “Brincat”,

3. Tordna lir-Reġistratur tar-Reġistru Pubbliku jagħti lill-attriċi kopja taċ-ċertifikat tat-twelid numru 170/1912 u tal-mewt 144/2009 kif korretti.

Minħabba n-natura tal-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------